MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## MANDUCA PHILIP

Seduta ta' 09 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 435/2002/1

**Allied Insurance Agency Limited bhala agenti tas-societa Middlesea Insurance plc u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Raymond Gauci**

**Vs.**

**Izmael Vella**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih s-societa attrici il-hlas ta' Lm319.29 rappresentanti danni kagjonati wara incident ta' traffiku kif spjegat fl-istess avviz.

Ra r-risposta li biha l-konvenut jghid hu ma kienx risponsabbli ghal incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra n-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut.

Sema x-xhieda u t-trattazzjoni.

Ra li skond ir-Rapport tal-Pulizija l-partijiet qalu kif gej:

L-assikurat tas-societa attrici: "Kien hemm vettura mhix maghrufa ipparkjata fuq ix-xellug tat-triq u jiena kont niezla l-isfel fejn l-Ghadira u rajt li t-triq kienet klier sad-dawra. Qlajt il-vettura ipparkjata u x'hin ksirt biex indur fuq saidi vettura BB1653 kienet tiela fuq ir-wrong side tal-lemin u baqa diehel go fiha u wara gox-xellug fuq il-bankina u waqaf daqxejn il-fuq. ".

Il-Konvenut : "Kont tiela mill-Ghadira u car no. FAH 896 kinet niezla l-isfel wrong side u taqla vettura mhux maghrufa ksirt fuq ix-xellug biex nevita l-habta izda hbatt mal-bankina u vettura FAH986 habtet mieghi".

Illi mill-iskizz jidher li l-konvenut kellu brake marks ta' disa metri qabel ma habat fil-bankina fuq ix-xellug tieghu. Mill-iskizz ukoll jidher li l-konvenut kien wrong side u dan ghaliex l-brake marks tieghu jibdew minn naha l-hazina tat-triq. Il-konvenut jghid li gie wrong side minhabba l-fatt li ghafas l-brake. Dan juri nuqqas ta' prudenza u negligenza. Fil-fatt l-konvenut qal "kif dort ghafast il-brake u l-karozza tieghi daret naqra". Dan ifisser li l-konvenut tilef il-kontrol shih tal-karozza. Meta tkellem mal-Pulizija l-konvenut qal li l-ewwel habat mal-bankina imbaghad l-karozza l-ohra habtet mieghu. Meta xehed fil-Qorti l-konvenut qal li wara l-habta mal-vettura hu habat mal-bankina. Anki hawnhekk juri nuqqas da parti tal-konvenut li naqas li izomm il-kontrol tal-karozza tieghu.

Illi l-konvenut jrid jipprova li kien miexi bi "speed" li seta jikkontrollaha "within the limits of his vision" u mhux bizzejjed li jipprova li kien qed isuq b'speed permess mil-ligi. Illi l-konvenut kien qed idur go triq dritta, kellu d-dover li isuq fuq in-naha tieghu u izomm il-karozza tieghu taht kontrol necessarju sabiex jekk hemm xi ostakolu fuq it-triq ikun f'posizzjoni li jiehu l-passi necessarji. Jidher li l-konvenut ipprova jevita l-kollizzjoni izda tant kien ghaddej li l-karozza tieghu "daret naqra" u b'hekk gara l-habta. Illi

f’dawn ic-cirkostanzi l-konvenut ma jistax jinvoka l-ezoneru ta’ “sudden emergency” ghax huwa kien f’negligenza antecedenti u din tkun li giebet l-istat ta’ emergenza. (ara Debono vs. Camilleri Appell. 23/2/1962.

Illi fil-kawza Fogg Ltd. vs. Jesmond Vella (Qorti tal-Appell 19/11/2001) gie ddikjarat li “hi zbaljata l-affermazzjoni…illi l-fatt biss li sewwieq ikun qieghed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq, kien prova konkluziva tal-htija tieghu ghas-sinistru. Il-principju ormai stability fil-gurisprudenza hu propju l-kontra. L-utent tat-triq seta’ jutilizza t-triq kollha sakemm dan ma jikkostitwixxi perikolu ghall-utenti l-ohra ta’ dik it-triq, u dana sekemm dak is-sewqan ikun prudenti, mehtieg u suggerit fic-cirkostanzi…Il-Qorti kellha ghalhekk tikkonsidra l-elementi kollha li kkontribwew ghalih fid-dawl tar-regolamenti li kienu jiggvernaw is-sewqan tad-drivers involuti f’dak il-mument. Kellha allura tiddetermina x’kienet il-kawza prossima u immedjata tieghu.”

F’dan il-kaz l-kawza tal-incident kienet is-sewqan inkonsult u traskurat tal-konvenut.

Ghaldaqstant jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghal incident in kwistjoni u jikkundannah ihallas Lm319.29 lis-societa attrici. Bl-ispejjes kif mitluba.

**Philip Manduca**
**Gudikant**